MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 12/2005

**L-Avukati Dottor Gianfranco Gauci u Angele Vella bhala mandatarji specjali ta' l-imsefrin Salvina Josephine Said u zewgha Michael Said ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Pawlu Said, Giuseppe Tabone u Carmela Xerri sabiex jirrapresentaw l-interessi taghhom fil-wirt gjacenti tal-mejjet Edward Said u lil Dr Chris Said kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-interessi l-ohra kollha fl-istess wirt u dan skond digriet tat-23 ta' Frar 2005 fl-atti tal-ittra ufficjali numru 858/04 ipprezentata fl-20 ta' Dicembru 2004**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta'l-atturi li taqra:

Illi permezz ta’ skrittura privata datata 9 ta’ Gunju 1980, l-attur Michael Said fil-kwalita’ tieghu dak iz-zmien ta’ mandatarju specjali ta’ Edward Said, (dok. SJS 1) u l-attrici Salvina Josephine Said, dahlu f’konvenju (dok. SJS 2) ghat-trasferiment tal-proprjeta’ li ggib in-numru tlieta (3), Sannat Road, Munxar, Ghawdex, jew indirizz verjuri, u dan versu l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk elenkati;

Illi ai termini ta’ l-istess skrittura l-kuntratt finali ta’ trasferiment kellu jsir sa mhux aktar tard mit-3 ta’ Jannar 2005;

Illi fil-frattemp miet Edward Said u ma jirrizultax lill-atturi li l-werrieta prezuntivi tieghu resqu formalment sabiex jaccettaw l-wirt gjacenti tieghu;

Illi l-atturi dahlu f’korrispondenza ma’ tali werrieta prezuntivi u anke nterpellaw kuraturi deputati permezz ta’ ittra ufficjali tal-20 ta’ Dicembru 2004 sabiex jersqu ghall-att finali relattiv (b’notifika tal-bandu lil tali werrieta prezuntivi u lill-avukat di fiducja minnhom inkarigat), izda l-istess baqghu nadempjenti;

Talbu ghalhekk ghaliex din l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li l-iskrittura datata 9 ta’ Gunju 1980, esebita bhala dok. SJS 2, torbot il-wirt gjacenti ta’ Edward Said, versu l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk elenkati, ghat-trasferiment favur l-attrici Salvina Josephine Said okkorrendo assistita minn zewgha l-attur Michael Said tal-fond li jgib in-numru tlieta (3), Sannat Road, Munxar, Ghawdex, jew indirizz verjuri, u dan versu l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija;

2. tordna lill-kuraturi deputati konvenuti fil-kwalita’ premessa taghhom sabiex jaddivjenu skond kif dikjarat fl-ewwel talba ghall-kuntratt finali ta’ trsferiment relattiv ghall-fond li jgib in-numru tlieta (3), Sannat Road, Munxar, Ghawdex, u dan versu l-prezz u taht il-pattijiet u

kundizzjonijiet imsemmija, f'data, hin u lok li ghandhom jigu ffissati minn dina l-Onorabbli Qorti, quddiem Nutar mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan, u fil-prezenza ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw kull eventwali kontumaci; jew

3. alternattivament, f'kaz illi jirrizulta li l-kuntratt finali fuq imsemmi ghal kwalunkwe raguni ma jkunx jista' jsir, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' dan u tikkundanna lill-kuraturi deputati konvenuti fil-kwalita' premessa taghhom ghall-hlas ta' tali danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2004 u l-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom nomine flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut l-Avukat Chris Said fil-kwalita tieghu premessa li eccepixxa:

1. illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

2. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pawlu Said, Giuseppa Tabone u Carmela Xerri li eccepew:

1. in linea preliminari li l-atturi jridu jippruvaw il-mandat li huma ghandhom minghand Michael u Salvina konjugi Said f'din il-kawza;

2. illi l-iskrittura tad-9 ta' Gunju 1980, esebita mill-atturi bhala dok.SJS 2 ma torbotx lill-eccipjenti, u ghalkemm hija

ferm dubitata l-validita’ ‘ab initio’ ta’ l-imsemmija skrittura, l-effetti tal-weghda tal-bejgh li saret bejn il-mejjet Edward Said u Salvina Josephine Said permezz ta’ l-imsemmija skrittura spiccaw bl-gheluq ta’ hames snin mhux biss minn meta saret din l-istess skrittura izda wkoll mill-mewt ta’ Edward Said bla ma qatt giet imgedda. Ghaldaqstant l-azzjoni attrici tinsab kolpita bil-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16;

3. illi l-eccipjenti ma kkagunaw ebda danni u m’ghamlu ebda haga li tirrendihom passibbli ghad-danni u ghaldaqstant m’humiex responsabbli ghall-hlas ta’ ebda danni pretizi mill-atturi. Wara kollox jekk hemm lok ghal xi danni, huwa l-istess attur Michael Said li ghandu jwiegeb ghalihom stante li dak iz-zmien kien qed jirraprezenta lill-mejjet Edward Said bi prokura sabiex jittrasferixxi proprjeta’ lill-istess martu, l-attrici Josephine Said.

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghom flimkien mal-elenku tax-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2005;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi tramite l-verbal tat-18 ta’ Mejju 2005 din is-sentenza hija limitata u ristretta ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. Huma nvokaw il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dan l-Artikolu jipprovdi illi: “L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ hames snin ..omissis…(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu

iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".

Issa mill-att promotur li ta aditu ghal din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jersqu ghall-kuntratt ta' trasferiment favur taghhom tal-fond fil-Munxar in adempjenza ma' l-iskrittura ta' promessa ta' bejgh iffirmata kwazi sitta u ghoxrin sena ilu, mill-lum, u li tinsab esebita fl-original folio 27. Alternativament l-atturi qeghdin jitolbu d-danni f'kaz illi jirrizulta li l-kuntratt finali ma jkunx jista' jsir. Mill-iskrittura tal-promessa ta' bejgh imsemmija, sakemm tinteressa din id-decizjoni, il-kuntratt finali kellu jsir mhux aktar tard mit-3 ta' Jannar 2005.

Illi l-konvenuti qeghdin jibbazaw id-difiza taghhom fuq il-fatt, kif jissottomettu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, illi "huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-azzjoni naxxenti minn skrittura privata taqa' preskritta bid-dekors ta' zmien ta' hames snin, sakemm ma tkunx taqa' taht preskrizzjoni aqsar li ma tkunx giet interrotta", u invokaw l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Illi gie dejjem u kostantement ritenut kemm fid-dottrina u kemm fil-gurisprudenza illi l-istitut tal-preskrizzjoni ghandu jigi interpretat bl-aktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti m'ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni moghtija a bazi ta' preskrizzjoni la b'mod generiku u lanqas billi tapplika artikolu tal-ligi b'analogija ma' artikolu iehor. Fi ftit kliem il-Qorti hija obbligata li tezamina bil-lenti jekk l-artikolu kkwotat ikoprix it-talbiet attrici *(Vol.LXXXI.iii.127).*

Illi fil-kaz ta' preskrizzjoni taht l-Artikolu eccepit, jigifieri l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, dan jikkontempla l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kreditu u l-gurisprudenza hija konformi fil-hsieb li l-inciz ghandu jircevi interpretazzjoni in bazi ghar-regola ta' l-"ejusdem generis" in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmijin fl-incizi precedenti fl-istess Artikolu. Mhix accettabbli interpretazzjoni estensiva ta' l-inciz in dizamina b'mod li l-kliem "hlas ta' kull kreditu

iehor” jigu jfissru ‘solutio obligationis’ in genere (ara fost ohrajn *Vol. XXXIX.i.101*).

Illi l-atturi qeghdin wkoll jiventilaw, anka jekk alternattivament, talba ghad-danni. Fil-kuntest ta’ dawn id-danni (allegati biss f’dan l-istadju), stante li huma necessarjament ta’ natura kontrattwali, huma kwindi milquta bil-preskrizzjoni ta’ hames snin. Ifisser allura li l-inciz ta’ l-Artikolu eccepit jista’ jkun applikabbli. Il-Qorti qeghdha tikkwalifika billi fil-kaz in dizamina d-danni huma dipendenti mill-kuntratt u talvolta dovuti minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti.

Qeghdha ghalhekk f’dan l-istadju tiddeciedi billi tiddikjara li l-Artikolu 2156(f) mhux applikabbli u f’dan is-sens qeghdha tichad it-tieni eccezzjoni sakemm konsoni mal-preskrizzjoni eccepita ai termini ta’ l-imsemmi Artikolu u thalli mpregudikat l-istess eccezzjoni ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu u riferibbli ghat-tielet talba ta’ l-atturi ghall-gudizzju finali taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------